**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 25 TA' FRAR, 2002**

**Numru: 44**

**Avviz Nru: 1282/01AE**

**Gilbert Grioli**

**Vs**

**Allcare Insurance Agency Ltd, Aaron Galea u b'digriet tal-14 ta' Dicembru 2001 giet kjamata fil-kawza s-socjeta Middle Sea Insurance plc**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' elf lira Maltija (Lm1,000) , hlas dovut skond polizza ta' assikurazzjoni li kienet tkopri l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ESC 160.

Ra r-risposta tal-konvenut Aaron Galea (fol. 6) li ecepixxa:

1. Illi preliminarjament m'hemmx relazzjoni guridika mal-attur peress illi huwa sub-agent tal-Allcare Insurance Agency.

2. Illi huwa ma kellux x'jaqsam mal-*claims* izda kien limitat ghall-hrug ta' polzi ta' assikurazzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta Allcare Insurance Agency Ltd (fol. 9) li permezz taghha ddikjarat:

1. Illi m'hijiex il-legittimu kontradittur u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur.

2. Illi l-avviz huwa nulli billi m'hemmx kawzali.

3. Illi t-talba ta' l-attur hija nfondata peress li qatt ma saret il-*claim* mas-socjeta konvenuta kif rikjest mill-polza ta' assikurazzjoni.

Ra d-digriet tal-14 ta' Dicembru 2000 li permezz tieghu t-Tribunal sejjah fil-kawza lis-socjeta Middle Sea Insurance plc.

Ra r-risposta li giet prezentata mis-socjeta Middle Sea Insurance plc (fol. 36) li permezz taghha eccepiet:

1. Illi l-allegazzjoni tal-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li qatt ma saret il-*claim* relattiva mas-socjeta msejha fil-kawza kif kien rikjest mill-polza ta' assikurazzjoni.

Semgha x-xhieda li tressqu mill-partijiet.

Semgha t-trattazzjoni ta' l-avukat difensuri tal-partijiet.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. Illi s-socjeta konvenuta Allcare Insurance Agency Ltd issollevat l-eccezzjoni ta' nullita ta' l-avviz tat-talba peress li skon hi m'hemmx kawzali. Irid jigi rilevat li min-natura taghhom proceduri quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar huma nformali. Il-fatt li f'dik il-parti ta' l-avviz tat-talba ntestata **"X'Gara ?"** ma jissemmix li l-vettura assigurata kienet insterqet u giet mahruqa, ma jista' bl-ebda tigbid ta' l-imaginazzjoni jwassal ghan-nullita ta' l-avviz tat-talba. Ghalhekk din l-eccezzjoni qeghda tigi michuda.

2. Illi l-fatti tal-kaz huma s-segwenti:

(a) l-attur kien propjetarju tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ESC 160.

(b) Din il-vettura kienet koperta b'polizza ta' assikurazzjoni (Third Party, Fire & Theft) li ggib in-numru PC/08294 li nharget mis-socjeta konvenuta Allcare Insurance Agency Limited ghan-nom tal-kumpannija Middle Sea Insurance plc (fol. 3). Il-polizza nharget mis-*sales representative* tas-socjeta Allcare Insurance Agency Limited (Aaron Galea).

(c) Il-polizza ta' assigurazzjoni kienet tkopri l-perjodu mill-1 ta' Gunju 2000 sal-31 ta' Mejju 2001.

(d) Fl-14 ta' Ottubru 2000 l-attur ghamel rapport gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal Luqa li l-vettura kienet insterqitlu.

(e) Fis-17 ta' Ottubru 2000 il-vettura nstabet mahruqa gewwa Ricasoli, Kalkara.

(f) L-assigurat mill-ewwel gharraf lil Aaron Galea b'dak li kien gara. F'Jannar 2001 kien avvicina wkoll lil Chris Pace li huwa mpjegat tas-socjeta konvenuta Allcare Insurance Agency Ltd (xhieda moghtija fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2002).

(g) Fil-5 ta' April 2000 is-socjeta Allcare Insurance Agency Limited baghtet fax lill-konvenut Aaron Galea b'riferenza ghas-serq tal-vettura ta' l-attur (fol. 44) u fejn gie ddikjarat li: *"As a a matter of urgency, we will greatly appreciate if you could forward the Claim Form in order to enable us to retain same in our file accordingly. Finally, please note that our claim number is 003871"*.

(h) Il-*claim form* intbaghtet lis-socjeta konvenuta Allcare Insurance Agency Ltd fit-8 ta' Mejju 2001.

(i) Skond il-kondizzjonijiet tal-polizza ta' assigurazzjoni:

(1) *"Every notice or communication to be given or made under this Policy shall be* ***delivered in writing*** *to the Company"*; u

(2) *"In the event of any occurrence which may give rise to a claim under this Policy the* ***Insured shall as soon as possible*** *give notice thereof to the Company with full particulars"*.

3. Jibda biex jinghad li mill-provi rrizulta sodisfacentement ippruvat li l-assigurat mill-ewwel gharraf lil Aaron Galea b'dak li gralu. Irrizulta li l-imsemmi Aaron Galea ma kienx impjegat tas-socjeta konvenuta Allcare Insurance Agency Limited. Kemm fir-risposta li pprezenta u kif ukoll fil-kors tax-

xhieda tieghu, xehed li huwa *sub-agent* ta' din il-kumpannija. Mill-provi ma rrizultax li Aaron Galea huwa *sub-agent* kif definit fil-Kap. 404 (Insurance Brokers & Other Intermediaries Act). Fil-fehma tat-Tribunal ma jirrizultax li meta l-konvenut Aaron Galea mela l-*claim form* kien qieghed jagixxi in rapprezentanza tas-socjeta assiguratrici, izda pjuttost in rapprezentanza tal-attur. Ghalhekk jekk dan naqas f'xogholu jew wera xi negligenza fil-qadi ta' dmirijietu, irid jirrispondi fil-konfront ta' l-attur.

4. Il-kundizzjoni li hemm fil-polizza ta' assigurazzjoni dwar kif ghandha ssir *claim*, ma tiffissax terminu perentorju li fih l-assigurat ghandu jgharraf lis-socjeta assiguratrici bit-telf li jkun garrab. Il-kliem *"shall as soon as possible"*, jista' facilment iservi sabiex johloq dizgwid u jaghti lok ghal kontestazzjonijiet meta l-assigurat jitlob rizarciment ghat-telf li jkun sofra. Irid jinghad li mill-provi rrizulta li f'Jannar 2001 il-kumpannija Allcare Insurance Agency Limited kienet taf bit-telf li sofra l-attur. Chris Pace, impjegat tas-socjeta konvenuta Allcare Insurance Agency Limited ikkonferma li kieku dakinhar li tkellem ma' l-assigurat kellu l-informazzjoni, kien jiftah il-*claim*. Zied ighid li bejn Jannar u April 2001 kien tkellem ma' Aaron Galea permezz tat-telefon. M'huwiex verosimili li l-agent tas-socjeta assiguratrici ma kienet inghatat l-ebda informazzjoni, mehud in konsiderazzjoni li fil-fax datata 5 ta' April 2001 jissemma l-isem l-assigurat u l-vettura in kwistjoni.

5. Mill-provi rrizulta wkoll li minkejja l-fatt li kienu ghaddew sitt xhur mis-serq tal-vettura, is-socjeta Allcare Insurance Agency Limited kienet xorta bl-intenzjoni li tipprocessa l-*claim* ghall-hlas tad-danni li sofra l-assigurat. Tant hu hekk li Aaron Galea intalab li jibghat *"claim form* ***in order to enable us to retain same in our file accordingly"*** u sahansitra inghata l-*claim number* (fol. 44). Huwa minnu li l-fatt li tintmela u tintbghat il-*claim form* m'hijiex fiha nnifisha ammissjoni ta' responsabbilta da parti tas-socjeta assiguratrici. Mill-istess dokument u l-provi li tressqu quddiem it-Tribunal jidher bic-cjar li l-agent kien konsapevoli taz-zmien meta sehh l-incident u li sa dakinhar kienet ghadha ma ntbaghtitx il-*claim form*. Ma jirrizultax li sa dan iz-zmien is-socjeta Allcare Insurance Agency Ltd qatt baghtet tgharraf lill-assigurat li ma kienx ser isir hlas ghaliex il-claim ma saritx *"as soon as possible"*, kif wiehed jifhem kienet taghmel kieku ma kenitx ser tigi onorata l-*claim*. Il-kliem li ntuza f'dan id-dokument jaghti wiehed x'jifhem li l-klawzola ntestata *"notification of accidents"* ma kenitx qeghda tigi nvokata sabiex il-kumpannija assiguratrici tahrab mir-responsabbilta kuntrattwali li tindennizza lill-assigurat taghha ghad-danni li jsofri. Inoltre, ma saret l-ebda allegazzjoni u ma tressqux provi da parti tas-socjeta Middle Sea Insurance plc li l-agent taghha (Allcare Insurance Agency Limited) ma kenitx awtorizzata li tagixxi b'dan il-mod jew li agixxiet lil hin mill-awtorita taghha bhala agent.

6. Kien biss wara li ntbaghtet il-*claim form* mill-konvenut Aaron Galea, li jidher li inqala' xi dizwgid bejnu u l-kumpannija Allcare Insurance Agency Ltd. Dan wassal sabiex tigi rifjutata t-talba ghall-hlas.

7. Rilevanti wkoll huwa l-fatt li ma rrizultax li s-socjeta assiguratrici sofriet xi pregudizzju bil-fatt li l-*claim form* intbaghtet xhur wara li sehh l-incident. Ghalkemm huwa minnu li dak li jigi miftiehem f'kuntratt bejn il-partijiet jikkostitwixxi ligi, il-kuntratt ghandhom jigu ezegwiti bil-*bona fede*. M'huwiex accettabbli, ukoll fuq bazi ta' ekwita, li f'April 2001 tati x'tifhem li t-talba ghall-hlas ser tigi processata u ftit gimghat wara tirtira bl-iskuza li l-*claim* ma saritx skond it-termini tal-kondizzjonijiet imposti fil-kuntratt. Interessanti huwa l-kumment li jaghmel l-awtur John Birds (Modern Insurance Law) fejn jitratta l-kwistjoni ta' *'time-limits'* li fih ghandha ssir *claim*: *"The result of conditions such as these, if strictly relied upon,* ***and it is not suggested that they always are****, may be that an insured is treated harshly without real justification. There appears to be an unanswerable case for giving a court power by statute to relieve a breach of such a condition in favour of an innocent insured, or to prescribe that a breach can be relied upon only when the insurer can show that it has been prejudiced thereby, or alternatively that a breach can never be used to defeat a claim per se, but entitles*

*the insurer to counterclaim for such loss as it can show that it has suffered as the result of the breach"* (pagna 246).

8. Fir-rigward tal-kumpannija Allcare Insurance Agency Limited, kif rajna din hija agent tal-kumpannija msejha fil-kawza u ghalhekk ma kellhiex titharrek personalment u ma jirrizulta li ghandha ebda responsabbilta ghall-hlas taht il-polza.

9. Dwar l-ammont reklamat mill-attur, ma saret ebda kontestazzjoni mis-socjeta Middle Sea Insurance plc.

Ghal dawn il-motivi u ragunijiet fuq moghtija, it-Tribunal qieghed:

1. Jillibera mill-osservanza tal-gudizzju lil Aaron Galea u lis-socjeta konvenuta Allcare Insurance Agency Limited.

2. Jikkundanna lis-socjeta assiguratrici Middle Sea Insurance plc thallas lill-attur is-somma ta' elf lira Maltija (Lm1,000), hlas dovut lilu peress li nsterqitlu l-vettura bin-numru ESC 160. B'dan li ghandu jitnaqqas kwalsiasi ammont dovut bhala *eccess* (ara It-II Parti ta' l-Iskeda tal-polizza ta' assigurazzjoni), f'kaz li huwa applikabbli ghal kaz in kwistjoni.

L-imghax ghandu jiddekorri mil-lum.

L-ispejjez kollha ta' l-attur (inkluzi d-drittijiet legali) ghandha taghmel tajjeb ghalihom is-socjeta Middle Sea Insurance plc, hlief ghal dawk tal-kumpannija Allcare Insurance Agency Limited li ghandu jaghmel tajjeb ghalihom l-attur. Dwar l-ispejjez tal-konvenut Aaron Galea, dan ghandu jaghmel tajjeb ghalihom hu personalment wara li t-Tribunal qies ukoll il-mod kif agixxa u l-konsegwenzi li seta' kellu l-mod kif agixxa.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**